VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,406, 10 ta' April, 2015
Taqsima B

A.L. 125 tal-2015

ATT TAL-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI (ATT NRU. IX TAL-1980)

Ordni tal-2015 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Att I tal-2015)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Kummissjoni tal-Liġijiet qed tagħmel din il-korrezzjoni.

Korrezzjoni fl-Att tal-2015 dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament nhux Priġunerija. Att I tal-2015.

1. Fil-paragrafu (a) tal-artikolu 13 tal-Att tal-2015 dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) - l-Att I tal-2015 - għandha ssir korrezzjoni billi l-kliem "imwettaq fi, jew fil-perimetru ta', skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "imwettaq fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ".

Bidu fis-seħħ.

2. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali stabbilixxa l-20 ta' Frar, 2015, bħala d-data li fiha l-korrezzjoni magħmula mill-Kummissjoni tal-Liġijiet u ppubblikata f'dan l-Avviż Legali għandha tibda' sseħħ.